# ĠIMGĦA TA' TALB
# GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA

Imsejħin biex ixxandru
l-għemejjel setgħana tal-Mulej
(ara 1 Pt 2:9)

Ġabra ta' għajnuniet pastorali

18-25 ta' Jannar 2016

Kummissjoni Ekumenika Djoċesana
Kurja tal-Arċisqof
Floriana
2016

**Werrej**:

Messaġġ (Dun Hector Scerri)........................................................

Ħsieb għal kuljum (Dun Stefan Galea)............................................

Talbiet ta’ Maħfra (Ms Anna Caruana Colombo).............................

Talbiet tal-Ġemgħa Nisranija (Fr Aurelio Mulè Stagno SDB)........

Adorazzjoni (Ms Dorianne Buttigieg u Dun Hector Scerri)...............

*Dan il-ktejjeb tħejja u ġie stampat mis-Segreterija li tappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni Ekumenika, fil-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, nhar is-6 ta’ Jannar 2016.*

## MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EKUMENIKA

Kull sena, il-Ġimgħa ta' Talb (jew Ottavarju) għall-Għaqda fost l-Insara, ikollha tema li tintuża madwar id-dinja kollha. It-tema għal din is-sena hija: "Imsejħin biex ixxandru l-għemejjel setgħana tal-Mulej" (ara 1 Pt 2:9). Il-materjal li qed jiġi propost mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara, flimkien mal-Kummissjoni *Faith and Order* tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes, tħejja minn rappreżentanti ta' Knejjes differenti ġewwa l-Latvja.

Huwa interessanti l-fatt li l-Latvja – wieħed mit-tliet repubbliki Baltiċi – tinsab f'salib it-toroq fejn jiltaqgħu pajjiżi ta' popolazzjoni Kattolika, Ortodossa u Protestanta. Għalhekk, min-natura tiegħu, dan il-pajjiż huwa, biex ngħidu hekk, predispost ekumenikament. L-insara ġewwa l-Latvja ħadmu fuq il-materjal li tqassam biex jiġi użat mill-Insara mad-dinja kollha matul l-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara.

Interessanti wkoll li hemm "konnessjoni" Maltija f'dan il-materjal, peress li waħda mill-persuni involuta fit-tħejjija ta' dan il-materjal, hija Sr Rita Refalo, minn Għawdex, membru tal-Moviment *Pro Sanctitate,* impenjata pastoralment fil-Latvja.

L-emfasi li qed issir matul din is-sena hi fuq id-dinjità tas-sagrament tal-Magħmudija – is-sagrament li jgħaqqad l-Insara lkoll flimkien. Fil-fatt, fil-materjal mibgħut lilna minn barra hemm ritratt tal-eqdem fonti battezimali fil-Latvja, li jmur lura għal San Meinhard, l-evanġelizzatur ewlieni tal-Latvja. Oriġinarjament, dan il-fonti kien jinsab fil-Katidral ta' Ikšķile. Illum jinsab fiċ-ċentru tal-Katidral Luteran ta' Riga, il-belt kapitali tal-Latvja. Dan il-fonti jinsab qrib il-pulptu artistiku tal-Katidral, u bis-saħħa t'hekk toħroġ ċara r-rabta bejn is-sagrament tal-Magħmudija u x-xandir tal-Kelma. Dan jispjega l-ħsieb wara t-tema ta' din is-sena – li l-imgħammdin huma lkoll imsejħin biex ixandru l-għemejjel setgħana ta' Alla.

+ + +

Il-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana tkompli l-missjoni tagħha llum fil-Knisja Lokali ta' Malta billi: (1) tqajjem għarfien akbar tar-realtà ekumenika ġewwa pajjiżna u tagħti informazzjoni dwar komunitajiet Insara mhux Kattoliċi; (2) tfakkar fl-importanza li jsir talb għall-għaqda fost l-Insara; (3) tfakkar fil-mixja ekumenika tal-Knejjes Insara mill-bidu tas-seklu 20.

Biex tkompli l-missjoni tagħha u tilħaq l-għanijiet tagħha, il-Kummissjoni Ekumenika għadha kemm ippubblikat DVD dwar l-ekumeniżmu. L-isem tad-DVD huwa: *Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda. Is-Sejħa Ekumenika tal-Knisja ... Is-Sejħa Ekumenika tagħna*. Huwa twil 25 minuta, u jittratta diversi aspetti ta' interess:

- it-twaqqif ta' Knisja waħda minn Ġesù u kif xterdet permezz tat-Tnax;
- kif seħħew il-firdiet il-kbar fil-Knisja fis-seklu 11 (mal-Ortodossi), u fis-seklu 16 (mal-Protestanti);
- kif beda l-Moviment Ekumeniku fil-bidu tas-seklu 20;
- il-bidu tal-Moviment Ekumeniku fostna l-Kattoliċi;
- il-Konċilju Vatikan II u l-bini ta' pontijiet ekumenici;
- il-livelli differenti li fihom isir l-ekumeniżmu – dottrinali, id-djalogu tal-ħajja, koperazzjoni oħra, l-ekumeniżmu tal-martri;
- il-komunitajiet Insara li jgħixu fostna l-Kattoliċi hawn f'Malta;
- kummenti minn xi mexxejja Nsara oħra li jaqdu l-missjoni fost il-komunitajiet tagħhom hawn Malta.

Kull min hu interessat li jakkwista dan id-DVD, li jiswa €10, jista' jikteb lill-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana (il-Kurja tal-Arċisqof, Pjazza San Kalċedonju, Floriana) jew jibgħat e-mail fl-indirizz elettroniku: ecumenical.commission@maltadiocese.org jew direttament lili fl-indirizz hector.scerri@um.edu.mt, jew iċempel il-Kurja fuq in-numru 2590 6506, biex ikun jista' jinqeda kemm jista' jkun malajr.

Fl-aħħarnett, nitlob u nittama li l-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara tħalli ħafna ġid, filwaqt li lkoll inkomplu nagħrfu s-sejħa tagħna bħala membri tal-Knisja li nitolbu bis-sħiħ biex isseħħ l-għaqda li jrid Kristu fost id-dixxipli tiegħu. Dan il-ktejjeb b'numru ta' għajnuniet pastorali għandu jgħinek f'dan il-għan. L-appell tiegħi hu li dan il-ktejjeb jintuża fil-knejjes u l-komunitajiet tagħna f'mumenti differenti bejn it-18 u l-25 ta' Jannar li ġej.

Dun Hector Scerri
4 ta' Jannar 2016

**ĦSIEB GĦAL KULJUM**
**FIL-BIDU TAL-QUDDIESA**
**JEW WAQT TALB IEĦOR KOMUNITARJU**

## It-Tnejn 18 ta' Jannar 2016

Illum qegħdin nibdew il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda bejn l-Insara u l-Knejjes mifruda. Ħa nagħmlu tmint jiem ta' talb sabiex aħna l-Insara minkejja d-differenzi li firduna matul is-sekli ningħaqdu flimkien mhux biss fi proġetti imma fil-merħla waħda ta' Ġesù Kristu u Knisja Waħda. Mil-lum, aħna mistednin nagħtu aktar kas ta' dan il-fatt u li nitolbu għal dan il-għan waqt din il-quddiesa jew mumenti oħra ta' talb.

## It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibu li Ġesù fl-Aħħar Ċena talab għall-għaqda bejn l-appostli li kien se jħalli warajh. Imma Ġesù talab ukoll għall-insara ta' kull żmien biex jibqgħu magħqudin. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li dan il-kmandament matul is-sekli ġie traskurat. Anzi minn żmien għal żmien il-firdiet bejn l-insara komplew jiżdiedu. Iżda huwa inutli li nikkundanaw l-iżbalji tal-passat jekk aħna fi żminjietna mhux qed nagħtu kas tal-insara l-oħra, jekk aħna kuntenti b'dawn il-firdiet u ma naraw xejn ħażin jekk jibqgħu.

## L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

F'dawn iż-żminijiet żdiedet is-sensibilità tagħna l-Kattoliċi u anke tagħna l-Maltin dwar il-bżonn tal-għaqda bejnietna l-insara. Mhux l-ewwel darba li meta nsiru nafu b'insara oħra nindunaw li hemm ħafna affarijiet komuni bejnietna. Din hija ħaġa tajba għax turi li aħna nridu l-għaqda. Imma xi kultant huwa aktar faċli tipprietka l-għaqda ma'

nies li ma tantx tagħmilha magħhom milli ma’ dawk li tħabbat wiċċek magħhom ta’ kuljum. Anke fil-Knisja Kattolika jeżistu firdiet u partiti. Għalhekk illum nitolbu għall-għaqda fil-Knisja u nibdew mill-komunitajiet tagħna, speċjalment fil-parroċċa.

## Il-Ħamis 21 ta’ Jannar 2016

Illum niċċelebraw it-Tifkira ta’ Sant’Anjeże Verġni u Martri. Din it-tfajla Rumana preferiet tmut milli tiċħad il-fidi tagħha f’Ġesù Kristu. Bħal Sant’Anjeże, illum eluf ta’ nsara qegħdin jinqatlu minħabba l-fidi tagħhom. Meta qed jinqatlu l-insara mhux qed issir distinzjoni bejn Kattoliċi, Ortodossi jew Protestanti. Jinqatlu għax huma nsara. Dan huwa l-*Ekumeniżmu tad-Demm*, kif sejjaħlu Papa Franġisku. Minkejja li l-mewt tal-innoċenti hija ħaġa kundanabbli bħala nies li nemmnu, nafu li dan is-sagrifiċċju tagħhom għad iġib ġid kbir spiritwali lill-Knisja għax kif tenna Tertulljanu: *Id-demm tal-martri huwa ż-żerriegħa tal-Knisja.*

- ❖ Il-lejla fis-6.30 p.m. se jiġi ċċelebrat Servizz Ekumeniku fil-Knisja tal-Erwieħ, Triq Merkanti, il-Belt Valletta. Kulħadd huwa mistieden li jieħu sehem.

## Il-Ġimgħa 22 ta’ Jannar 2016

Illum niċċelebraw it-Tifkira ta’ San Publiju, l-ewwel isqof ta’ Malta. L-isqfijiet huma r-rgħajja tal-merħla ta’ Alla li tinstab f’post partikulari li nsejħulu *djoċesi*. Ħafna mill-isqfijiet tal-bidu tal-Knisja bħal San Publju mietu martri għax iddefendew in-ngħaġ tagħhom. Anke fi żminijetna għadhom jinqatlu l-isqfijiet. Sal-lum żewġ isqfijiet Ortodossi fis-Sirja għadhom ma nstabux wara li nħatfu sentejn ilu. Nitolbu għall-Arċisqof tagħna Charles sabiex il-Mulej jagħtih il-

qawwa biex jiddefendi l-merħla fdata lilu u sabiex jippromwovi l-għaqda bejn l-insara kollha li joqgħodu f'Malta.

**Is-Sibt 23 ta' Jannar 2016**

Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-Ġublew tal-Ħniena mniedi mill-Papa Franġisku. Il-ħniena hija l-qofol tal-messaġġ nisrani. L-opri tal-ħniena huma għemejjel ta' karità nisranija. Għalhekk jekk aħna tassew insara, irridu nwettquhom biex nagħtu xhieda tal-ħniena kbira ta' Alla. F'din il-ġimgħa aħna msejħin biex nuru ħniena ma' ħutna l-insara li mhumiex Kattoliċi. Jekk tiltaqa' ma' xi ħadd minnhom u jitolbok l-għajnuna, uri ħniena miegħu ukoll u għinu.

**Il-Ħadd 24 ta' Jannar 2016**

Mhux l-ewwel darba li nisimgħu kliem ta' disprezz lejn ir-refuġjati li jiġu għall-kenn f'pajjiżna. Dan mhuwiex aġir ta' nsara. Aħna nemmnu li kulħadd huwa xbieha ta' Alla minkejja d-differenza fir-razza u t-twemmin. Fost dawn ir-refuġjati hemm ukoll insara li mhumiex Kattoliċi. Illum il-Knisja ta' Malta qed toffrilhom xi knejjes tagħna biex jiltaqgħu u jiċċelebraw il-liturġiji tagħhom. Dan juri hemm hawn rieda tajba f'pajjiżna lejn ir-refuġjati u l-insara mifrudin minna. Fl-ewwel qari tal-Quddiesa tal-lum, nisimgħu lil San Pawl jitkellem dwar il-ħtieġa tal-għaqda fostna. Ejjew, illum, nitolbu għall-għaqda fost l-Insara.

**It-Tnejn 25 ta' Jannar 2016**

Illum hija l-aħħar ġurnata tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda bejn l-Insara. Intgħażlet din il-ġurnata għaliex fiha niċċelebraw il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Dan il-qaddis huwa ħafna għażiż għalina l-

Maltin għaliex kien hu l-ewwel wieħed li xandar l-Evanġelju f'pajjiżna. Għalhekk bir-raġun kollu nsejħulu *Missierna*. San Pawl huwa meqjum mill-insara kollu. Il-qima lejh tgħaqqad lil ħafna Nsara mifruda. Għandna bżonn ngħożżu mhux biss it-tifkira tiegħu imma anke t-tagħlim sabiħ li ħallilna fl-ittri li kiteb. San Pawl kellu għal qalbu l-għaqda fil-Knisja: għalhekk huwa qaddis li nistgħu nitolbuh sabiex isseħħ l-għaqda bejn l-Insara kolha.

- Għada jaħbat id-disa' anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-Arċisqof Emeritus Monsinjur Pawlu Cremona. Illum, huwa jagħlaq sebgħin sena. Nitolbu għalih biex il-Mulej jimlieh bil-barka tiegħu.

## Talbiet ta' Maħfra

*Dawn it-talbiet jistgħu jintużaw waqt l-Att Penitenzjali tal-Quddiesa.*

Mulej, l-Insara ta' diversi Knejjes huma ippersegwitati minħabba it-twemmin tagħhom fik. Aħfrilna, Mulej, ta' kemm bqajna lura milli nitolbu għalihom. Mulej ħniena.

Mulej, f'din is-Sena tal-Ħniena, aħna msejħin biex naħfru lil xulxin, u nitolbu maħfra lil xulxin, membri ta' Knejjes Nsara differenti. Nitolbuk, Mulej, biex taħfrilna għax inqasna milli nagħmlu dan. Kristu ħniena.

Mulej, aħna l-Insara minn Knejjes differenti msejħin biex inkunu melħ tal-art li jġedded is-soċjetajiet tagħna fl-imħabba reċiproka. Maħfra, Mulej, peress li dan mhux dejjem għamilnieh. Mulej ħniena.

## TALBIET TAL-ĠEMGĦA NISRANIJA

*Xi wħud minn dawn it-talbiet jistgħu jiżdiedu ma' dawk tal-ġurnata. Fil-każ li t-talbiet isiru kollha, waħda wara l-oħra, tinqara din l-introduzzjoni.*

**Mexxej:** *Bħala wlied Alla, konxji tad-dinjità u tal-missjoni afdata lilna, ejjew inressqu t-talbiet tagħna waqt li nsaħħu x-xewqa tagħna li nkunu l-poplu qaddis ta' Alla.*

R/ **Wettaq il-poplu tiegħek fil-qdusija, u fl-għaqda ma' Kristu.**

1. Semmagħlna kelmtek, Mulej, u ġeddidna fil-grazzja tal-magħmudija, sabiex inkunu tassew il-poplu tiegħek.

2. Iftħilna għajnejna għall-għemil setgħani tiegħek fid-dinja llum, ħalli nwieġbu bil-qima u t-tifħir, u b'opri ta' ġustizzja u sliem.

3. Agħtina li ngħożżu dejjem aktar il-Kelma ħajja tiegħek, li ssejħilna għal għaqda akbar bejnietna l-insara.

4. Seħibna, Missier qaddis, fil-missjoni ta' fejqan li Ibnek Gesù ried jafda lill-Knisja, ma' dawk li huma midruba fil-ġisem u fl-ispirtu.

5. Bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħek, wassalna biex nitolbuk maħfra għal dak kollu li f'ħajjitna jxekkel ir-rikonċiljazzjoni u l-fejqan, sabiex nirċievu l-ħniena tiegħek u nikbru fil-qdusija.

6. Int li int ilma ħaj, taffi l-għatx fis-soċjetà tagħna, għatx għad-dinjità u għall-imħabba, għall-għaqda u l-qdusija.

7. Spirtu qaddis, Spirtu ta' ferħ u paċi, fejjaq il-firdiet ikkawżati mill-abbuż tal-poter u tal-flus, u ħabbibna flimkien; aħna u ġejjin minn kulturi u ilsna differenti, għaqqadna bħala wlied Alla.

8. Trinità ta' mħabba, oħroġna 'l barra mid-dlamijiet tal-egoiżmu u l-miżerja tagħna għad-dawl tiegħek tal-għaġeb.

## ADORAZZJONI EWKARISTIKA B'TEMA EKUMENIKA

*Innu waqt l-Espożizzjoni Ewkaristika*

Qarrej 1:
Inġbarna hawn illum biex flimkien – bħala komunità Nisranija li temmen fik, għażiż Ġesù fl-Ewkaristija – nagħtuk il-qima tagħna permezz ta' din l-adorazzjoni. Qegħdin waqt il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Għalhekk, l-intenzjoni ewlenija tagħna waqt din l-adorazzjoni tagħna se tkun li nitolbu, bil-ħrara kollha ta' qalbna, biex l-Insara minn Knejjes u Tradizzjonijiet differenti jersqu aktar lejn xulxin biex, bil-mod il-mod, jingħelbu l-firdiet li ilhom hemm is-sekli.

Qarrej 2:
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu:** (1 Pt 2:9)

Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb. Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu.
Il-Kelma tal-Mulej.
R. Tifħir lilek Kristu.

Issa nagħmlu ftit ħin fis-skiet biex naħsbu fuq is-silta li għadna kemm smajna.

*Silenzju biex nirriflettu, quddiem il-preżenza Ewkaristika ta' Ġesù Kristu, fuq din is-silta.*

Qarrej 2:
**Ħsieb:** Mulej, aħna li ninsabu quddiemek, nixtiequ nirringrazzjawk ta' din l-istedina li għoġbok tagħmlilna. Grazzi talli għoġbok taqsam magħna l-bnedmin il-missjoni ta' proklamazzjoni tas-saltna tiegħek. Tassew li l-imħabba tiegħek hija bla tarf.

Għoġbok tagħtina dinjità ġdida u ssejħilna biex ma' San Pawl, fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, inkunu nistgħu "niftaħru wkoll f'Alla b'Sidna Ġesù Kristu li permezz tiegħu ksibna din il-ħbiberija" (Rum 5:11)

**Skiet**

Qarrej 3:
Mulej, is-sitwazzjoni preżenti ta' firda fil-Knisja tiegħek, hija tassew weġgħa kbira u skandlu għal nies ta' fidi oħra. Għaliex, kif jista' l-bniedem jifred dak li waqqaft inti, jekk mhux permezz tad-dnub?

Filwaqt li tassew tajtna missjoni bħala l-ġens il-maħtur tiegħek, nixtiequ nistaqsu kemm-il darba ħassejna lilna nfusna bħala poplu pprivileġġjat, b'setgħa fuq l-oħrajn, minflok inħarsu lejn din il-missjoni bħala sejħa biex naqduhom.

**Skiet**

*Jitkanta innu Ewkaristiku.*

Qarrej 1:
Mulej, inti li fl-imħabba u l-umiltà qaddisa tiegħek, għażiltna bħala nazzjon qaddis, għinna ħalli niftakru fir-responsabbiltà li fdajtna biha. Ħalli niftakru li huwa d-dmir tagħna li nxandru l-messaġġ tiegħek u l-pjan tiegħek tas-salvazzjoni għall-umanità kollha.
Aħfrilna Mulej ta' kemm-il darba nqasna li nagħmlu dan u minflok konna l-kawża ta' firda u pika, frott is-suppervja tagħna, frott il-fissazzjoni tagħna fuq is-superjorità tagħna fuq l-oħrajn.

**Skiet**

Qarrej 2:
Għinna, Mulej, ħalli nħarsu lejn il-ħajja u l-eżempju tiegħek. Jiġina f'moħħna dak l-episodju meta inti, Mulej Ġesù, ma waqqaftx lil dak ir-raġel li kien qed jagħmel il-mirakli f'ismek. Għinna ħalli fl-evanġelizzazzjoni tagħna, ma nonqsux li naraw it-tajjeb li hemm fi Knejjes u fi Tradizzjonijiet oħrajn. Fuq kollox, għinna ħalli niftakru li

filwaqt li aħna nxandru lilek, ma nonqsux li niftakru li dawn is-sitwazzjonijiet huma mezz biex aħna stess nikbru fil-fidi u niġġeddu. Għinna ħalli nwarrbu minn fuqna d-dnub tas-suppervja, anke f'dawk li jidhru affarijiet tajbin, u nilbsu d-don tal-umiltà.

Għinna ħalli f'dan il-proċess nagħmlu dak li San Pawl iħeġġeġ lill-Kolossin dwaru: "Ilbsu mela, bħala magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin tiegħu, sentimenti ta' ħniena, tjubija, umiltà, ħlewwa u sabar" (Kol 3:12). Għinna ħalli mmewtu t-tentazzjonijiet li jistgħu joħonqu dan il-proċess ta' evanġelizzazzjoni u għaqda bejnietna l-insara. Fuq kollox, għinna ħalli nagħmlu dan permezz tal-eżempji li nagħtu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fl-aktar affarijiet komuni. Mulej, nitolbuk tgħinna biex aħna li, mingħajr ma jistħoqqilna rċevejna b'abbundanza l-ħniena tiegħek, insiru strumenti tal-ħniena tiegħek għal bnedmin oħra, partikolarment, Insara minn Knejjes oħra li jinsabu fostna.

Ħalli nisimgħu, mela, xi siltiet dwar dan, mill-kitbiet ta' San Girgor Nazjanzenu, wieħed mill-qaddisin kbar u għorrief, u Duttur tal-Knisja mill-Kappadoċja li hija parti mit-Turkija tal-lum.

Qarrej 3:
*Aqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ u daħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf*, u dan għamlu bil-ferħ u bil-ħeġġa, għaliex *il-bniedem li jħenn*, naqraw, iħenn *bil-ferħ*, u l-ġid li tagħmel ikun jiswielek id-doppju minħabba l-ħeġġa u l-ħeffa li bih tagħmlu (*Diskors* 14,39).

Jekk, mela, tridu tisimgħuni, intom il-qaddejja tal-Mulej, intom l-aħwa u l-werrieta ta' Kristu, ejjew inżuru 'l Kristu, sakemm dan nistgħu nagħmluh, ejjew induru bi Kristu, ejjew nitimgħuh, ejjew inlibbsuh, ejjew inxiddulu l-qorq, ejjew nagħtuh ġieħ (*Diskors* 14,40).

Nuru ħniena lill-Mulej fil-fqar tiegħu, f'dawk li jinsabu mixħutin fl-art f'miżerja liema bħalha, biex, meta nħallu din id-dinja, huma jilqgħuna fl-għamara ta' dejjem fi Kristu Sidna (*Diskors* 14,40).

Jien fl-istess waqt żgħir u kbir, ċkejken u għoli, immut u ngħix għal dejjem, tal-art u tas-sema. Jeħtieġli nindifen ma' Kristu, u ma' Kristu nerġa' nqum, inkun werriet ma' Kristu, insir iben Alla, anzi Alla stess (*Diskors* 7,23).

Noffru lilna nfusna lil Alla, anzi noffru kuljum lilna nfusna u kull ma aħna ... Nixbħu fit-tbatijiet tagħna 'l Kristu fit-tbatijiet tiegħu; nagħtu b'demmna ġieħ lid-Demm għażiż tiegħu; u bil-ħeġġa kollha ħa nissallbu miegħu (*Diskors* 45,24).

Ir-Ragħaj it-tajjeb, li ta ħajtu għan-ngħaġ tiegħu, ġie jfittex in-nagħġa l-mitlufa fuq il-muntanji u l-għoljiet ... u meta sabha, refagħha fuq dawk l-istess spallejn li refa' s-salib fuqhom, ħaddanha miegħu u raddilha l-ħajja tas-sema (*Diskors* 45,26).

**Skiet**

*Jitkanta innu Ewkaristiku.*

Qarrej 1:
Mulej, kellem il-qalb ta' kull wieħed u waħda minna u għinna ħalli ninbidlu fuq livell personali. Minflok ma nistenna sempliċiment bidla fl-istituzzjonijiet, għinni nagħraf li l-ewwel bidla għandha sseħħ fija stess, għax jiena membru ta' dan il-poplu magħżul. Għinni ħalli naċċetta li jien għandi d-difetti tiegħi u nfittex li nirranġa dawk, minflok inħares lejn x'għandu jagħmel ħaddiehor, jew membri ta' Knejjes oħra.

Qarrej 2:
Mulej Ġesù, aħna nixtiequ nħobbuk dejjem aktar. Għalhekk, ninsabu quddiemek għax konvinti mill-qawwa tiegħek li tibdilna biex inkunu bnedmin aħjar. Aħna konvinti mill-preżenza reali tiegħek f'dan is-sagrament tal-Ewkaristija, u għalhekk se nduru lejk għax ċerti li inti se tisma' t-talbiet tagħna.

Nitolbuk, Mulej, għall-Papa Franġisku biex tqawwih bl-Ispirtu Qaddis tiegħek, huwa u jxandar l-Aħbar it-Tajba tiegħek lill-ġnus kollha tal-art. Nitolbu. *Ismagħna nitolbuk, Mulej.*

Agħtina l-grazzja tiegħek, Mulej, biex il-Ġublew tal-Ħniena li qegħdin niċċelebraw ikun għalina u għal ħutna kollha għajn ta' rikonċiljazzjoni biex inkunu tassew ħbieb tiegħek, Mulej, u qaddejja ta' ħutna l-bnedmin. Nitolbu. *Ismagħna nitolbuk, Mulej.*

Nitolbu biex aħna nkunu bennejja ta' pontijiet ta' maħfra u ta' ħniena ma' Nsara li huma membri ta' Knejjes oħra. Nitolbu. *Ismagħna nitolbuk, Mulej.*

Mulej, nitolbuk għall-għaqda fost l-Insara sabiex jingħelbu, permezz tal-maħfra u tad-djalogu, firdiet antiki fil-merħla tiegħek. Nitolbu. *Ismagħna nitolbuk, Mulej.*

**Skiet**

Qarrej 3:
Aħna li qegħdin miġburin quddiemek bħala komunità f'ismek, nitolbuk tibgħat fuqna l-Ispirtu s-Santu ħalli jġeddidna u b'hekk inkunu nistgħu nilbsu dak li jagħmilna dejjem aktar xbiha ta' Dak li ħalaqna. Biex dan l-Ispirtu Qaddis jagħtina n-nifs tal-ħajja qaddisa tiegħek u nkunu tassew nistgħu ngħixu flimkien bħala l-bnedmin il-ġodda biex b'hekk ikun jistħoqqilna li nkunu fost il-magħżulin tiegħek. Ammen.

**Skiet.**

Ejjew, issa nħejju ruħna biex nirċievu l-Barka Ewkaristika.
Innu: *Dal-Misteru ...*